# Is-Sliem

Settembru 2008 Nru. 228



**Knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Agira, Ħaż-Żebbuġ**

Tel. Uffiċċju: 21460800
Mob: 79729252
Tel. Dar: 21465586
Uffiċċju Parrokkjali: "Villa San Filep", Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ ŻBĠ 1307


*Messaġġ tal-Arċipriet:*

# PREVENZJONI U EDUKAZZJONI

**Id-droga: mhijiex il-problema taż-żagħżugħ/a biss, iżda hija problema tal-familja kollha!!**

Jidher li l-pjaga tad-droga f'pajjiżna qatt mhi ser tfieq! B'elf mod, jidher li kull tip ta' droga qiegħed jasal lejn xtutna u, għalkemm ġieli nisimgħu b'xi suċċessi min-naħa tal-pulizija, jidher li din il-pjaga ma nistgħux insibulha kontroll. Inkunu qegħdin nidħku bina nfusna jekk naħsbu li xi darba d-droga ser tisparixxi mis-suq tagħna. Aktar ma jgħaddi żmien, jirriżulta, mill-istatistika, li l-età ta' dawk li jabbużaw minn xi forma jew oħra ta droga, qiegħda dejjem tinżel!

Għandna każijiet ta' tfal li, ta' 14-il sena, qegħdin jibdew jabbużaw!! L-affarijiet donnhom jibdew b'ħafna innoċenza. Jibdew billi jabbużaw bix-xorb, imbagħad jimxu għal xi *party pill* u jibqgħu telgħin it-taraġ tad-distruzzjoni tagħhom infushom! Meta l-problema tkun daħlet 'il ġewwa, jew għax ma jsibux dak li jixtiequ fis-suq (u/jew għax ma jkollhomx biex iħallsuha), jew/u għax jibda l-inkwiet mal-pulizija, biex jevitaw il-ħabs u kumplikazzjonijiet oħrajn f'ħajjithom, xi wħud minnhom jibdew jittantaw iħabbtu l-bibien tal-*Caritas* u tas-Sedqa, għall-mediċina jew għal xi programm! Hawnhekk, ikollna xi suċċessi, iżda jkollna fallimenti kbar ukoll!

Nitkellem ma' adoloxxenti żgħażagħ, ikun hemm min jgħidli: "Jekk ma tiskirx, ma teħux gost!" jew… "billi tieħu xi *ecstasy*, 'l hemm u 'l hawn, x'tista tagħmillek?!…" Dan it-tip ta diskors jinkwetani, u jinkwetani bil-bosta!

Bħala Arċipriet, ħassejt li, quddiem din il-problema, li f'Raħalna għandha għeruq fondi, ma nistgħux inkunu passivi! Nistqarr li l-parroċċa mhix attrezzata, la b'riżorsi finanzjarji u lanqas b'riżorsi umani, biex tgħin lil dawk li daħlu f'dan il-vizzju. Hija grazzja kbira li f'Malta għandna l-*Caritas* u s-Sedqa, li qegħdin jagħmlu xogħol impekkabbli f'dan ir-rigward.

**X'nistgħu nagħmlu aħna bħala parroċċa f'dan ir-rigward?**

Proprju ftit tal-ġimgħat ilu, b'inizjattiva tal-Kummissjoni "Djakonija" u t-"*Task Force* Żgħażagħ", fi ħdan il-parroċċa, sejjaħna laqgħa pubblika biex inwieġbu għal din il-mistoqsija. Rappreżentanti tas-SEDQA u tal-*CARITAS* tlabniehom u ġew biex jgħinuna. Fost dawk kollha li stedinna, attendew ukoll ir-rappreżentanti tal-Każini "San Filep" u "12 ta' Mejju", li ħadu sehem fid-diskussjoni.. Flimkien, bdejna naħsbu fuq din il-problema! Saru diversi suġġerimenti siewja li, matul il-ġimgħat li ġejjin, irridu naraw kif ser inlaħħmuhom. Għalhekk, ser titfassal dalwaqt strateġija ta' kampanja, iffukata biex nindirizzaw din il-materja importanti.



*S'ISSA, FAMILJA HIENJA!... Tidħol id-droga... u tinqered din l-HENA tagħha!!*

Il-Kampanja "PREVENZJONI U EDUKAZZJONI", li ser inniedu fi ftit ġranet oħrajn, għandha tgħinna lkoll biex nimpenjaw irwieħna ħalli ċ-ċkejknin tagħna li telgħin ikunu attrezzati b'valuri u personalitajiet b'saħħithom, biex jilqgħu għall-mewġ li jridu jiffaċċjaw huma u jikbru.

**Dan, waqt li nkunu qegħdin inżommu f'moħħna, ukoll u lkoll, li l-problema tad-droga mhijiex problema taż-żagħżugħ/a biss, iżda hija problema tal-familja kollha!!**

Il-Bambin Iberikkom!
*Fr. Daniel Cardona, Arċipriet.*

# Ħolm tat-Trab!

**Kitba tat-Tabib MOSES CAMILLERI**

Kont ili xi nofs siegħa nistenna fil-*waiting room* tal-klinika tat-tabib. Daħlu u ħarġu nies li fuq wiċċhom kont taqra paġni sħaħ ta' rakkonti ta' avventuri li għaddew minnhom f'karriera twila ta' użu ta' droga. Konna lkoll qegħdin nistennew l-istess ħaġa... li nieħdu tilqima kontra l-effett tal-kokajina.

Jien ma nistax ngħid li kelli xi entużjażmu partikulari sabiex nieħu din it-tilqima, imma ma stajtx nibqa' sejjer kif kont. Għandi tletin sena, u sena ilu sofrejt attakk tal-qalb. Wara jumejn inpejjep il-kokajina, ma tajtx kas li, aktar ma jgħaddi l-ħin, aktar bdejt inħoss għafis f'sidri. Stajt nobsor li dak l-uġigħ f'sidri kien sinjal ta' problema serja f'qalbi, imma ma stajtx inwaqqaf lili nnifsi milli nuża l-kokajina li kien fadalli. Meta ommi sabitni f'kamarti bi qtugħ ta' nifs kbir u mxarrab bl-għaraq, indunat li kont ħażin u ħaditni malajr l-isptar, fejn qattajt ħmistax-il ġurnata niġġieled mal-mewt. Għamilt sitt xhur, wara, ma missejt xejn ma' ħalqi... ħlief il-mediċina li ta' kuljum irrid nieħu minħabba l-ħsara li għamilt f'qalbi. Imbagħad ġara li, erba' xhur ilu, bdejt noħlom ħolm fuq il-kokajina... ħolm tat-trab, ngħidlu jien! Kont inqum filgħodu b'togħma li kien ikolli biss wara li npejjep il-kokajina.



*Blokki tal-KOKAJINA.... biex isiru TRAB: il-QIRDA taż-żgħażagħ tagħna!*

Ġurnata wara l-oħra ġġelidt, sakemm darba qomt bi *cravings* akbar minn tas-soltu u sa filgħaxija kont xtrajt u wżajt il-kokajina! La darba erġajt missejtha, malajr reġgħet ġabitni fejn kont qabel! Wara ftit ġimgħat ommi u missieri ndunaw x'kien qiegħed jiġri! F'xi ġranet, ikun fini mitt nies, u f'oħrajn ara tkellimni; f'uħud, naħdem daqs kelb, u f'oħrajn rieqed il-ġurnata sħiħa! Kien hemmhekk li ddeċidew li nitilqu minn Malta għand ziju fl-Amerika, fejn stajt nipparteċipa fl-istudju fuq din it-tilqima ġdida. Missieri kellu jieħu *unpaid leave* u lil ommi ili ma naraha erba' xhur.

Ftit ġimgħat wara li tieħu din it-tilqima, tinduna li, meta tuża l-kokajina, ma tħoss xejn. M'hemmx dak ir-*rush*, anzi pjuttost uġigħ qawwi ta' ras. F'dan l-istudju li nipparteċipa fih jien, qegħdin jaraw kemm-il darba hemm bżonn li din it-tilqima tirrepeti ruħha sabiex l-effett tagħha ma jonqosx. Malajr tinduna b'dan, għax il-*cravings* jerġgħu jibdew jiżdiedu! Illum sirt nibża' mill-*cravings*, għax naf kemm hu faċli nitlef il-ftit kontroll li għandi!

Nitlob, kull filgħodu, sabiex ikolli ġurnata tajba, u nerġa' nitlob, kull filgħaxija... **nitlob li noħlom fuq nies li jħobbuni u mhux ħolm tat-trab!**

**TWANNY SPITERI U WENZU PSAILA**

**Funeral Service**

***24 Hour Service***

4, 'Shalom',
Triq il-Watar,
Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ.
**Servizz tal-Kor**
**BLA ĦLAS**
Day/Night
Tel: 2146 0950
Office: 2147 2219
Mob: 9947 1168, 9923 5092

ACCOUNTS PRIVATE TUITION

- 'O' LEVEL
- INTERMEDIATE LEVEL
- 'A' LEVEL



INDIVIDUAL ATTENTION
SMALL GROUPS
COURSE NOTES PROVIDED

F. Cassar B. Accty (Hons.), AIA

Mob No: 79092845 E-mail: rassacf@onvol.net

***PALOMA STATIONERY***

**Triq il-Ħelsien, Ħaż-Żebbuġ**
**Tel.: 27011929.**

*Stationery, Toys,*
*Gifts & Cards Gallery,*
*Binding, Lamination,*
*B/W & Coloured Photocopies*

**L-AĦJAR PREZZIJIET GĦAT TFAL LI DALWAQT.... LURA GĦALL-ISKOLA!!**

***UNDER NEW MANAGEMENT***

# ID-DOVERI TAGĦNA L-KBAR, F'ĦAJJET IŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAGĦNA!



"Inbiegħdu lil uliedna mir-ruxxmata ħwienet tax-xorb li jdawruna......"

**Kitba ta' MARIA PACE**

Is-Sajf hu żmien fejn infittxu divertiment fil-beraħ. Irridu nieħdu pjaċir! …Kif qegħdin jieħdu pjaċir, iż-żgħażagħ tagħna?... Billi jixorbu l-alkoħol u/jew ifittxu d-droga! Uħud minn dawn iż-żgħażagħ huma taħt is-sittax-il sena! …Għaliex iż-żgħażagħ Maltin huma daqshekk dipressi, bi mġiba daqshekk ħażina fl-iskejjel… u l-ewwel fl-Ewropa fl-abbuż mill-alkoħol?!... Għaliex ma jafux jiċċelebraw mingħajr ma jixorbu alkoħol (li, infakkru, huwa tip ieħor ta' droga)?!...

Dan jinħass ukoll fil-parroċċa tagħna. Niltaqgħu ma każi fejn il-ġenituri jistgħu jindunaw li uliedhom qegħdin jabbużaw mix-xorb żejjed. Meta jibdew jixorbu minn età żgħira, jikber iċ-ċans li ż-żgħażagħ isiru dipendenti fuq ix-xorb, bi ħsara kbira fl-organi tal-ġisem, fl-imġiba u l-psikoloġija tagħhom! Tbatija liż-żgħażagħ infushom, lill-familji tagħhom u lis-soċjetà li tħaddanhom – li trid tagħmel tajjeb għall-vjolenza, tfal barra miż-żwieġ u provvediment ta' kura medika u psikoloġika! Piżijiet tqal fuq is-soċjetà tagħna!!

X'nistgħu nagħmlu aħna għal dawn t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna?

Jenħtieġ li l-ġenituri juru interess f'dak li jagħmlu wliedhom u jinvolvu ruħhom fih; b'hekk, il-familja tibni għeruq u sisien iktar sodi. Mela, mhux kulħadd jaqdef għal rasu! Irrażżnu l-għaġla li qiegħda tifliġna… għax, nintebħu dlonk li, uliedna, filli żgħar, u filli sarulna xebbiet u ġuvintur! Nużaw tattika tajba ma' wliedna!.. Nagħrfu kif immorru magħhom!... Nagħrfu nsaħħu l-ħiliet siewja tagħhom u tagħna!... Inbiegħdu lil uliedna mir-ruxxmata ħwienet tax-xorb li jdawruna, mill-pornografija fuq il-kompjuters, mis-sess, mid-droga – li jaljenaw lil uliedna adoloxxenti mid-doveri tagħhom tal-iskola, tal-familja!!

U għalhekk il-ħtieġa li ż-żgħażagħ jiżviluppaw, fost oħrajn, il-ħiliet bażiċi ta' responsabbiltà u qawwa, sabiex b'kuraġġ jagħrfu jmorru kontra l-kurrent!

Uliedna jridu jħossu li l-ġenituri għandhom tassew interess fihom.. Ma niddejqux nuruhom li nħobbuhom u lanqas ma niddejqu niddixxiplinawhom fejn jenħtieġ. B'dixxiplina, nifhem li lil uliedna żgħażagħ inħalluhom ibatu l-konsegwenzi ta' għemilhom. L-irtubija żejda, hija fsied! Għalhekk iridu kollox issa u malajr!! Jekk irridu żgħażagħ li jafu jagħtu sens lil ħajjithom, hemm bzonn li nsaħħu s-sisien tal-familji tagħna bħala parroċċa; mhux biss bħala Knisja, iżda wkoll bħala komunità.

Tajjeb li ħafna żgħażagħ ikomplu jistudjaw; imma hemm bżonn ukoll l-edukazzjoni tal-qalb!

Nipparteċipaw, għalhekk, fil-korsijiet ta' "Ħiliet għall-Ġenituri" li se jsiru fil-parroċċa tagħna minn Ottubru li ġej! U nħeġġu 'l uliedna żgħażagħ jipparteċipaw huma wkoll, sabiex jissaħħu fi *skills* li jgħinuhom fl-isfidi tqal ta' ħajjithom!


***ITALIAN PRIVATE LESSONS***

***Forms 1, 2, 3, 4 & 5.***
***(O-Level preparation)***

***Lessons are held in Ħaż-Żebbuġ from a graduate teacher of Italian.***

***Mob. Phone No.: 79271185***

***LITTLE HOOD U COME AS U ARE***

**Offerti fuq affarijiet tal-Iskola, bħal Basktijiet u *Pockets*.**

***Household Goods u Rigali.***

**Triq Mula.**
**Ħaż-Żebbuġ.**
**Tel.: 21463805.**

***FUNERAL SERVICES***

JOHN SPITERI
*(TAX-XEMA')*

*155,*
*TRIQ L-ISQOF CARUANA,*
*ĦAZ-ŻEBBUG*

*(BISWIT IL-KUNSILL LOKALI)*
*SERVIZZ TAL-KOR, BLA ĦLAS!*

*TEL: 2146 4286*
*(matul il-jum)*

*MOB: 7946 4286*
*(24 siegħa)*



**Għażiża MADDONNA, li matul dan Settembru nfakkru TwelideK u l-Grazzji li tagħtina, biegħed liż-żgħażagħ tagħna mill-gwaj tad-drogi u s-sokor!**

## ULIED IL-PARROĊĊA...

Ftit kelmiet fuq il-**Kompożitur Mużikali**, iż-**Żebbuġi ADEODATO GATT**, li twieled fis-26.06.1898 u miet fit-23.05.1966.

Studja l-mużika taħt ħuh il-kbir, Mikiel Gatt, li kien direttur mużikali tal-Baned Żebbuġin "De Rohan" u "San Filep; u wkoll taħt Giuseppe Abdilla, Doncich u Botti. **Adeodato** kien klarinettista prim mal-Baned Beltin "La Valette u "King's Own"; direttur ta' l-Orkestra Mendelssohn, ta' Ħaż-Żebbuġ, u tal-Banda San Filep (1921-1962). Arranġatur mużikali magħruf, u kompożitur ta' ħafna ġawhar mużikali, fosthom, il-*Giovane Rohan* (marċ), *Impressione Sinfonica*, 1565, il-famuża *Ave Maria*, is-sinfonija korali "Xerri u Karwana", *In Sepulchrum*, marċi funebri u bosta marċi oħrajn. **Adeodato Gatt** serva wkoll bħala direttur tal-Banda "King's Own" u konduttur-mistieden tal-Banda "La Valette" u Baned oħrajn, f'tas-Sliema, Bormla u r-Rabat.

PILATES / BALL / AEROBICS CLASSES

Qualified Coaching and Teaching Instructor

- Lose weight & stay healthy.
- Relieve tension & stress.
- Body toning & flexibility.
- Strengthen spine & core muscles.
- Strengthen abdominals.
- Improve posture.
- Helps the body to work better.
- Build up your stamina.
- Low & high impact Aerobics.
- Relaxation & stretching.

Look Good...
Feel Good...
Marika
7990 8990

Morning and Evening (1 hour) classes available.
A choice of different days / times available for your convenience.
The classes are held in a fully air conditioned studio with rubber flooring & full length wall mirrors @ St. Dorothy's Sports Complex, Mdina Road, Zebbug.
LARGE PARKING SPACE AVAILABLE
HELP YOUR BODY WORK BETTER
Contact Marika on 7990 8990 ( marfar2006@onvol.net )



## Taħditiet:

**_Parental Skills_**

**(Ħiliet tal-Ġenituri),**
organizzati mill-*CARITAS*!

**Ser isiru fil-Parroċċa tagħna matul ix-xahar id-dieħel, OTTUBRU 2008.**

Aktar Dettalji jingħataw fl-Avviżi tal-Parroċċa u fin-*noticeboards* tal-knisja.

## Kors Ieħor Fuq il-BIBBJA

mill-iStudjuż tal-Bibbja,
**Dun Karm Attard.**

Jibda nhar il-Ġimgħa,
10 ta' OTTUBRU 2008,
fis-Sala Parrokkjali
"Dun Mikiel Xerri"

## *Prayer Meeting*

mill-MIR,
immexxi minn
**Fr. Hayden Williams.**

Nhar it-Tlieta,
14 ta' Ottubru 2008,
fis.7.00pm.,
fil-Knisja Arċipretali

TOYOTA
THE QUALITY EXPERIENCE